MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 976/2006

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera The Timberland Company**

**vs**

**B`digriet tal-Qorti tat-30 ta` Novembru, 2006 gew nominati Dr. Richard Sladden LL.D. u P.L. Mario Mifsud Bonnici, bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti socjeta` Fujian Uptop Trading Co. Ltd u lill-Kunsinjatarju Eurl Gasetena Import/Export**

**Il-Qorti:**

Is-socjeta` rikorrenti hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *trademarks* ma` l-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta` Malta msejha *'Timberland'* u *'Tree Logo'*, liema drittijiet gew registrati l-ewwel darba fit-12 ta` Mejju, 1997 u

moghtija n-numru ta` registrazzjoni 27074 u 27075 rispettivament (Dok TC 1 u TC 2);

Fit-tnejn(2) ta` Ottubru, tas-sena elfejn u sitta (2006) r-rikorrenti nomine gew infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container bin-numru ECMU 1344760 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM DEBUSSY liema container kien fih total ta` elfejn, tmien mija u tmienja u sittin (2868) il-par zarbun (Dok TC3) li kollha jgibu l-marka *"HAMMER"* u li pero` jirriproducu t-*"tree logo"* li huwa proprjeta` tas-socjeta` attrici, b`*get up* tal-ippakkeggjar kwazi identiku ghal dak tas-socjeta` attrici u anke iz-zarbun stess huwa produzzjoni kwazi identika ghal dak li timmanifattura s-socjeta` attrici kif jidher car mill-kopji tar-ritratti annessi (Dok TC 4-6) u kif jista` jigi kkonstatat mill-kampjun li ser jigi pprezentat ma` l-atti tal-kawza, u li ghalhekk ghar-ragunijiet esposti dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li *prima facie* dawn jikkontravjenu dritt ta` proprjeta` intelletwali;

Mill-kumpjuni li ttiehdu mir-rikorrenti nomine jirrizulta li zraben huma oggetti falsifikati ai termini ta` l-artikolu 4 tal-Kap. 414 in vista tal-fatt li l-marka *Hammer "tree logo"* huwa kwazi identiku ghat-Timberland *"Tree Logo"* rregistrat; u ghar-ragunijiet l-ohra fir-rigward ta` l-ippakkettjar specifikati fir-rapport mahrug mill-esperti ta` l-istess attur nomine, liema rapport huwa anness u mmarkat bhala Dok TC7 u li minhabba r-ragunijiet msemmija l-istess zraben joholqu probabilita` qawwija ta` konfuzjoni min-naha tal-pubbliku u ghalhekk jikkontravjenu t-*trademark* registrat *TIMBERLAND* u *Timberland "Tree Logo"* ai termini ta` l-artikolu 10(2) tal-Kap. 416;

Dawn iz-zraben kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta` The Timberland Company, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta` proprjeta` intelletwali ta` The Timberland Company.

Ir-rikorrenti nomine talab lill-Kontollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta (Dok TC8)

sabiex a tenur ta` l-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta` Malta huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta` Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa EURL GASETANA IMPORT/EXPORT minn Algeria, dan skond dak citat fil-polza ta` taghbija numru QDGA001635 (Dok TC 9);

L-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet ta` l-artiklu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll ta` l-artiklu 10(2)(b) ta` l-Att Dwar it-Trademarks (Kap. 416) u huma azzjonabbli b`applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti ta` l-artikli 14-19 tal-istess Kap 416 u l-artikli 7 u 8 ta` l-istess Kap. 414;

Is-socjeta` rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

Talbu lill-esponenti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f`zraben li fuqhom hemm is-sinjal HAMMER u l-Hammer *"Tree Logo"*, u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container bin-numru ECMU 1344760 kontenenti l-imsemmija zraben, jikkontravjenu d-drittijiet ta` proprjeta` intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-trademarks taghha *'TIMBERLAND'* u *"Tree Logo"* moghtija n-numru ta` registrazzjoni 27074 u 27075 rispettivament (Dok TC 1 u TC 2);

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali zraben 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b`dak il-mod li jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk iz-zraben, f`kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta` l-intimati;

3. Tiehu u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawn iz-zraben kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-intimat mill-beneficcji ekonomici ta` transazzjoni;

4. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-transport ta` l-imsemmija zraben ghall-hazna f`Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-transport mill-lok tal-hazna ghall-lok eventwali ta` distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali ta` l-istess zraben.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tat-30 ta` Novembru, 2006 li in forza tieghu inhatru l-Avukat Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi biex jirraprezentaw lis-socjeta` konvenuta ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat ir-risposta tal-konvenuti kuraturi li in forza taghha eccepew illi:

1. Preliminarjament, l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu r-risposta taghhom fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw mas-socjeta` konvenuta Fugian Uptop Trading Co. Ltd;

2. Ghal dan l-iskop kitbu lill-avukat tas-socjeta` attrici sabiex jinghataw kull informazzjoni inkluz indirizz tas-socjeta` konvenuta Fugian Uptop Trading Co. Ltd;

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, irid jigi ppruvat li l-affarijiet kollha indikati fir-rikors guramentat huma foloz;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit imressqa.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi jirrizulta illi Dr. Peter Fenech huwa rapprezentant tas-socjeta` estera The Timberland Company ghal dak li jirrigwarda l-protezzjoni tal-marki taghha f`Malta.

Jirrizulta illi fit-2 ta` Ottubru, 2006 iddahlet gewwa Malta fuq il-vapur GMA CGM DEBUSSY konsenja ta` zraben li jgibu l-marka *“Hammer”* u li pero` jirriproducu t-*“tree logo”* li huwa proprjeta` tas-socjeta` attrici b`pakkeggjar kwazi identiku ma` dak tas-socjeta` attrici, liema konsenja kienet tikkonsisti f`elfejn tmien mija u tmienja u sittin par zarbun bi ksur tal-Art. 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta` Malta.

Dawn il-fatti gew konfermati mid-dokumenti esebiti, mix-xhieda tal-ufficjal tad-Dwana, liema xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta. Il-fatti li z-zraben kienu foloz gie konfermat minn dokument iffirmat mill-*European Brand Protection Manager Althea Morse*. Dan, fil-fehma tal-Qorti, jipprova l-falsita` tal-oggetti fi grad tekniku bizzejjed.

Ghalhekk il-fatti msemmija fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur, b`dan illi ghall-fini tat-tielet talba tipprefiggi t-terminu ta` hmistax-il gurnata tax-xoghol mil-lum biex il-kontrollur tad-Dwana jiddistruggi z-zraben in kwistjoni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta b`dan li provisorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------